# MIN HU *KULĦADD* GĦALL-BAĠIT?



**EDWARD SCICLUNA** / *Ministru għall-Finanzi*



**Kull baġit li tressaq taħt Amministrazzjoni Laburista tfassal fuq bażi ta' kriterju, b'mod ippjanat u mirqum biex ikollu l-effett mixtieq. Hekk sar ukoll għall-Baġit 2018.**

Tħossok sodisfatt meta tara r-riżultat ta' dak li tkun ħdimt għalih b'konvinzjoni, aktar u aktar meta tkun taf li qiegħed twettaq ġustizzja ma' xiħadd li x'aktarx li jkun ilu s-snin isofri minn inġustizzja. Hekk ħassejtni meta aktar kmieni din il-ġimgħa tajna bidu għat-twettiq ta' miżura mħabbra fil-baġit tas-sena l-oħra għal din is-sena. Miżura li biha bdejna nwettqu ġustizzja ma' madwar 6,000 familja.

Familji li l-kapijiet tagħhom ħassew li kienet saret inġustizzja magħhom fuq kwistjonijiet li jvarjaw minn pensjonijiet għal ħlas ta' sahra. Każijiet li jmorru lura snin twal u li jinvolvu ħaddiema tal-korpi tas-Snin Sebgħin, ħaddiema tax-Xatt, ħaddiema ta' dak li kien Electricity Board u membri tal-Korp tal-Pulizija. Ħaddiema li daħħlu lill-Gvern il-Qorti.

Kien hemm min tilef il-każ u kien hemm min rebaħ il-kawża imma xorta baqa' ma ngħata xejn għax irriżulta li l-każ kien preskritt.

L-Amministrazzjoni Nazzjonalista serrħet fuq dak deċiż mill-Qrati, imxiet b'mod legalistiku u qalet li la darba kien hemm il-preskrizzjoni, allura l-Gvern ma kienx marbut li jħallas. Jien konvintissimu li Gvern Nazzjonalista bħalna ħass li, preskrizzjoni u mhux preskrizzjoni, moralment il-ħaddiema involuti kellhom raġun. Madankollu dawk involuti tħallew bir-raġun.

Gvern Laburista ma qabilx li la darba moralment iħoss li kien hemm ir-raġun allura jserraħ fuq il-legalità u jevita milli jagħti dak mistħoqq lil min kien milqut, lill-ħaddiema. Konna deċiżi li dak li hu ġust nagħmluh. Ma kienx faċli, peress li hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq miljuni ta' ewro. Ridna noqogħdu attenti li ma nispiċċawx b'defiċit.

Morna anke l-Lussemburgu biex niddiskutu mal-Eurostat u naraw kif nistgħu naslu għal dak li emminna fih. Irnexxielna napplikaw l-istess sistema li applikajna fil-każ tar-*refund* tal-VAT fuq karozzi. Sistema li f'kull baġit talloka somma biex b'hekk kull sena tkun qiegħed tindirizza parti mill-problema biex finalment tkun solvejt il-problema ta' kull min kien milqut.

Din is-sena se nkunu qegħdin nagħtu lil dawk milqutin mill-inġustizzji li semmejt aktar 'il fuq, madwar €11-il miljun. U hekk se nibqgħu nagħmlu biex finalment din l-istorja nagħlquha darba għal dejjem. Kull sena se nkunu qegħdin nivvutaw somma speċifika għal dan il-għan.

Fi tfassil ta' baġit trid timxi bi prijoritajiet. Għax huwa faċli li taqbad u tibgħat ċekk lil kull persuna jew lil kull familja. Imma taħseb li jekk tagħmel hekk tkun qed tagħmel ġustizzja? Le, ma tkunx. Min hu ***kulħadd*** għall-baġit?

Għalhekk trid tuża kriterji u ġustifikazzjoni.

Nagħti eżempju: Hemm differenza bejn ommijiet li għandhom tfal taħt it-tliet snin u jridu joħorġu jaħdmu, u ommijiet li mhumiex f'sitwazzjoni bħal din. Bħal dawn hemm aktar minn 4,000 familja. L-istess fejn jidħlu pensjonanti. Hemm pensjonanti li għadhom jistgħu jaħdmu u allura jkollhom introjtu ieħor ma' dak tal-pensjoni u hemm pensjonanti li ma jistgħux jaħdmu u allura jiddependu biss mill-pensjoni filwaqt li jiżdidulhom l-ispejjeż kawża tal-mard.

Għalhekk waqqajna t-taxxa minn fuq il-pensjonijiet, għalhekk għollejna l-inqas pensjonijiet u għalhekk tajna somma lil dawk li ma kellhomx bolol biżżejjed imħallsin biex jilħqu l-inqas pensjoni.

Tipprova tilħaq faxex diversi tal-popolazzjoni. Tagħmel dan b'miżuri speċifiċi bħal meta neħħejna l-friża minn fuq l-istipendji tal-istudenti, stipendji li ħaddieħor kien gideb fuqna meta qal li Gvern Laburista jneħħi l-istipendji. Hekka neħħejnihom ukoll! Mhux talli ma neħħejniehomx talli f'kull baġit ngħidu li dawn l-istipendji jridu jiżdiedu skont l-għoli tal-ħajja u kien għalhekk li daħħalnihom fis-sistema tal-COLA.

Ilħaqna l-faxxa taż-żgħażagħ li jkunu se jibdew jaħsbu biex jiffurmaw familja bil-miżura tal-*first time buyers*, meta jixtru l-ewwel proprjetà tagħhom biex jgħixu fiha. Ilħaqna eluf ta' żgħażagħ b'miżura bħal din. Ilħaqna faxex ta' familji, madwar 2,000 familja, bil-miżura tal-*in-work benefits* u bil-miżura tat-*tapering*. Ilħaqna faxxa oħra wiesgħa tal-popolazzjoni, madwar 40,000 familja, meta niżżilna t-taxxa minn 35% għal 25%.

Nista' nassigura lil kulħadd li kull baġit kien imfassal b'dan il-mod. Hu għalhekk li f'kull baġit ħadna ħsieb il-morda; ħadna ħsieb il-persuni b'diżabilità kemm f'dawk li huma benefiċċji u anke possibiltajiet ta' mpjieg; ħadna ħsieb dawk li għalihom il-benefiċċji soċjali huma l-uniku sors ta' dħul. Kollha miżuri li jolqtu eluf ta' nies.

Imma ċertament li miżura li laqtet lil kulħadd, mingħajr ebda distinzjoni kienet u għadha dik tat-traħħis tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

Huwa f'dawn il-miżuri li ntuża s-surplus. Min għandu dubju fejn u għand min mar is-surplus li wasslu għalih l-għaqal u l-bżulija ta' Gvern Laburista kulma jrid jagħmel hu li jitkellem man-nies, huma min huma u jagħmlu x'jagħmlu, u ċertament li jgħidulu. Jekk imbagħad irid idaħħal rasu fir-ramel u jibqa' jgħid li mhux qed jara l-effett tas-*surplus*, allura affarih. L-iskop ta' baġit mhux li jagħti jew ixerred il-flus bl-addoċċ, għax ma jagħmilx sens li tiġbor mingħand kulħadd u terġa' tagħtihom lura, imma li tagħti fuq bażi ta' kriterju u b'mod ippjanat u mirqum biex ikollok l-effett mixtieq.

Hekk għamilna f'kull baġit u hekk se nagħmlu nhar it-Tnejn li ġej meta b'sodisfazzjon kbir inkun qiegħed inressaq il-baġit għas-sena 2018.

# Tkompli tinħass id-differenza

**Dr MICHAEL FALZON** / *Ministru għas-Solidarjetà Soċjali*

Dħalna fix-xahar t'Ottubru, xahar li għal ħafna tfal u familji jfisser id-dħul lura wara l-bankijiet tal-iskola u l-bidu ta' rutina skolastika, għal eluf ta'studenti u dawk kollha konċernati fis-sistema edukattiva. Xahar li jfisser ukoll żmien fejn il-Gvern se jippreżenta l-baġit għas-sena elfejn u tmintax. Baġit li ftit għadek tisma' nies jitkellmu dwaru.

Għaliex din il-bidla fil-ħsieb? Sa ftit snin ilu n-nies kienet tieħu qata' meta tisma bil-kelma baġit għax kienet tfisser aktar taxxi, aktar miżuri li jitfgħu piż fuq il-kontijiet tal-familja, elettriku ogħla, mingħajr ebda inizjattivi li jħajru lin-nies jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

Bil-kuntrarju nhar it-Tnejn mistennija nassistu għal baġit ieħor li se jkompli jagħti dik l-imbuttatura 'l quddiem lil tant individwi li għal snin twal aspiraw li jaqbżu dik it-targa li dejjem weħlu fuqha. Dan fid-dawl t'aktar tkabbir ekonomiku li qed jasal għand in-nies, għax qed isibu aktar impjiegi ta' kwalità, filwaqt li qed ikunu jistgħu jaffordjaw jagħmlu iktar kapriċċi minn qabel.

Baġit li se jkun qed jagħti iktar nifs lil kull faxxa ta' nies. Dan l-aktar minħabba li pajjiżna reġa' esperjenza *surplus* filwaqt li l-aġenziji tal-kreditu komplew jagħtu ċ-ċertifikati pożittivi tagħhom lil Malta, ċertifikati pożittivi li tista' tgħid li ndraw taħt il-Gvern immexxi mill-Prim Ministru Joseph Muscat.

### INQAS NIES FIL-FAQAR

Assistejna issa għall-ewwel mitt jum ta' dan il-Gvern Laburista, Gvern li reġa' ngħata fiduċja b'saħħitha biex ikompli jagħti direzzjoni b'saħħitha lil pajjiżna. Xhieda ċara tal-impenn ta' dan il-Gvern huma bosta indikaturi. Ewlenija fosthom, id-9000 persuna inqas fil-faqar jew fl-esklużjoni soċjali.

Silk, stħarriġ internazzjonali li jinħadem fuq id-dħul tal-2015, juri li t-tnaqqis tan-nies fir-riskju tal-faqar kien f'għadd ta' kategorija, fosthom familji bit-tfal. L-investiment b'saħħtu, il-progress soċjali u s-*surplus* li reġa' nkiseb fl-aħħar jiem, żgur li lkoll kienu elementi kruċjali li qed ikomplu jgħinu aktar nies f'kull faxxa tas-soċjetà jiksbu dak li ilhom jirsistu għalih.

Is-suċċess ekonomiku jfisser biss suċċess, jekk jitqassam ma' kullħadd u hawnhekk titwettaq il-ġustizzja soċjali. Minkejja dan kollu, mhux se tikber rasna u xorta se nibqgħu kommessi biex inħassru ż-żieda fil-faqar li saret fi żmien amministrazzjonijiet Nazzjonalisti.

### TISĦIĦ FL-ADOZZJONIJIET

It-tfal kollha għandom id-dritt li jitrabbew f'ambjent ta' familja li tkun tista' tagħtihom dak kollu li jkun meħtieġ u għalhekk il-Gvern ħareġ ukoll bi pjan ħolistiku għal dan is-settur. Dan il-Gvern iħoss il-polz tal-poplu u aħna konxji li l-proċess tal-adozzjoni mhux dejjem ikun faċli minħabba diversi raġunijiet, fosthom dawk legali.

Minkejja dawn id-diffikultajiet, iżda aħna kommessi li niffaċilitaw dan il-proċess kemm jista' jkun. Dan qiegħed isir għall-ġid tal-familji u tat-tfal tagħna.

Għal dan il-għan nidejna konsultazzjoni pubblika fuq l-istandards tal-adozzjoni li se ssir fuq medda ta' sitt ġimgħat u tispiċċa fit-3 ta' Novembru li ġej. Id-Dokument se jkun jista' jinkiseb kemm minn fuq il-*website* tal-Ministeru kif ukoll minn fuq il-*website* tad-Dipartiment għall-istandards fil-Ħarsien Soċjali.

Konxji wkoll li l-ispejjeż finanzjarji relatati mal-adozzjoni huma iebsin, se ngħinu lill-koppji li jixtieqU jaddottaw tarbija b'għajnuna diretta sa massimu ta' €10,000 li jistgħu jinkludu *rebate* tal-ispejjeż li l-koppja tagħmel biex tivvjaġġa.

Minbarra din l-għajnuna finanzjarja għandna wkoll l-impenn politiku b'saħħtu u ġenwin biex is-settur tal-adozzjonijiet nagħtuh spinta 'l quddiem. Dan huwa Gvern li jifhem u kapaċi jieħu azzjoni dwar sitwazzjonijiet li mhux dejjem ikunu faċli, iżda jaf li warajhom hemm persuni umani li għandhom dritt għall-umanità u ħajja feliċi.

Id-differenza għall-aħjar qiegħda tinħass u se nkomplu naħdmu għaliha, fl-aħjar interess tal-poplu Malti u Għawdxi kollu.